**Appell ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2021 minn Eos Products Sàrl mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) mogħtija fit-8 ta' Settembru 2021 fil-Kawża T-489/20 – Eos Products Sàrl vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-672/21 P)**

(2022/C 222/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* Eos Products Sàrl (rappreżentant: S. Stolzenburg-Wiemer, Rechtsanwältin)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-4 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u li l-appellanti għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Visoki trgovački sud Republike Hrvatske (il-Kroazja) fit-30 ta' Novembru 2021 – UDRUGA KHL MEDVEŠČAK ZAGREB**

**(Kawża C-727/21)**

(2022/C 222/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Kroat*

**Qorti tar-rinviju**

Visoki trgovački sud Republike Hrvatske

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* UDRUGA KHL MEDVEŠČAK ZAGREB

**Domandi preliminari**

1) Ir-regola prevista fit-tieni parti tal-ewwel sentenza u fit-tieni sentenza tal-Artikolu 177(3) tas-Sudski poslovnik (ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qrati; *Narodne novine,* Nri: 37/14, 49/14, 8/15, 35/15, 123/15, 45/16, 29/17, 33/17, 34/17, 57/17, 101/18, 119/18, 81/19, 128/19, 39/20 u 47/20), li tgħid li: "[f]il-qrati tat-tieni istanza l-kawża titqies li hija magħluqa fil-mument li tintbagħat id-deċiżjoni mill-uffiċċju tal-Imħallef, wara li l-kawża tasal lura mill-uffiċċju ta' reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet. Mill-jum li jirċievi l-att, l-uffiċċju ta' reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet għandu jibagħtu lura lill-uffiċċju tal-imħallef mill-iktar fis possibbli. Fit-8 ijiem segwenti, ir-Reġistru tal-Qorti għandu jibgħat id-deċiżjoni tal-Qorti" – għandha titqies li hija konformi mal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali?

2) L-Artikolu 40(2) taż-Zakon o sudovima (il-Liġi dwar il-Qrati), li jipprevedi li: "[i]l-pożizzjonijiet legali adottati waqt seduta tal-Imħallfin kollha jew tal-Imħallfin ta' waħda mis-sezzjonijiet tal-Vrhovni sud Republike Hrvatske (il-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Kroazja), tal-Visoki trgovački sud Republike Hrvatske (il-Qorti Kummerċjali tal-Appell tar-Repubblika tal-Kroazja), tal-Visoki upravni sud Republike Hrvatske (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell tar-Repubblika tal-Kroazja), tal-Visoki kazneni sud Republike Hrvatske (il-Qorti tal-Appell Kriminali tar-Repubblika tal-Kroazja), tal-Visoki prekršajni sud Republike Hrvatske (il-Qorti tal-Appell għar-Reati ż-Żgħar tar-Repubblika tal-Kroazja) u waqt seduta tal-Imħallfin ta' waħda mis-sezzjonijiet tal-qorti reġjonali jorbtu fit-tieni istanza lill-awli jew lill-imħallfin kollha li jiddeċiedu f'kompożizzjoni ta' Mħallef uniku fi ħdan tali sezzjoni jew qorti" huwa konformi mal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 47 tal-Karta?

---